



Il-mekkaniżmu ta' riżoluzzjoni tat-tilwim bejn l-investituri u l-Istati stabbilit mill-ftehim ta' kummerċ ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kanada (CETA) huwa kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni

Fit-30 ta' Ottubru 2016, il-Kanada, minn naħa, u l-Unjoni Ewropea u l-Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmaw ftehim ta' kummerċ ħieles: il-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (iktar 'il quddiem, iċ-"CETA").

Il-parti taċ-CETA dedikata għall-investimenti għandha b'mod partikolari l-għan li timplimenta mekkaniżmu ta' riżoluzzjoni ta' tilwim bejn l-investituri u l-Istati. F'dan il-kuntest, huwa maħsub li jinħoloq Tribunal u Tribunal tal-Appell kif ukoll, sussegwentement, Tribunal Multilaterali tal-Investimenti. B'hekk, huwa previst l-istabbiliment ta' sistema ġudizzjarja tal-investimenti (Investment Court System, ICS).

Fis-7 ta' Settembru 2017, il-Belġju talab l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-kompatibbiltà ta' dan il-mekkaniżmu ta' riżoluzzjoni ta' tilwim mad-dritt primarju tal-Unjoni. Essenzjalment, huwa esprima dubji fir-rigward tal-effetti ta' dan il-mekkaniżmu fuq il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-interpretazzjoni definittiva tad-dritt tal-Unjoni u, għaldaqstant, fuq l-awtonomija tas-sistema legali tal-Unjoni, fir-rigward tal-kompatibbiltà tiegħu mal-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza fit-trattament u r-rekwiżit ta' effettività tad-dritt tal-Unjoni, kif ukoll f'dak li jikkonċerna l-osservanza tad-dritt ta' aċċess għal qorti indipendenti u imparzjali mill-mekkaniżmu msemmi.

Fl-opinjoni tagħha ta' llum, il-Qorti tal-Ġustizzja qabel kollox tfakkar li ftehim internazzjonali, li jipprevedi l-ħolqien ta' qorti inkarigata bl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu u li d-deċiżjonijiet tagħha jorbtu lill-Unjoni, huwa, bħala prinċipju, kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, tali ftehim internazzjonali jista' jkollu effetti fuq il-kompetenzi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, madankollu sakemm jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet essenzjali ta' preservazzjoni tan-natura ta' dawn il-kompetenzi, u b'hekk sakemm ma tiġix ippreġudikata l-awtonomija tas-sistema legali tal-Unjoni, li hija bbażata fuq qafas konstituzzjonali tagħha stess. B'mod partikolari, jidhru f'dan il-qafas il-valuri fundaturi tal-Unjoni, jiġifieri dawk ta' osservanza tad-dinjità umana, ta' libertà, ta' demokrazija, ta' ugwaljanza, tal-Istat tad-dritt, kif ukoll tal-osservanza tad-drittijiet tal-bniedem.

Biex tiġi żgurata l-preservazzjoni ta' dawn il-karatteristiċi speċifiċi u tal-awtonomija tas-sistema legali hekk maħluqa, it-Trattati stabbilixxew sistema ġudizzjarja intiża li tiżgura l-koerenza u l-unità fl-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li d-dritt tal-Unjoni ma jipprekludi la l-ħolqien ta' Tribunal, ta' Tribunal tal-Appell u, sussegwentement, ta' Tribunal Multilaterali tal-Investimenti, u lanqas li ċ-CETA jagħtihom il-ġurisdizzjoni biex jinterpretaw u japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-ftehim fid-dawl tar-regoli u tal-prinċipji tad-dritt internazzjonali applikabbli bejn il-partijiet għaċ-CETA. Min-naħa l-oħra, peress li dawn it-Tribunali jinsabu barra mis-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni, dawn ma jistgħux ikollhom ġurisdizzjoni biex jinterpretaw jew japplikaw dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni flief dawk taċ-CETA, jew biex jadottaw deċiżjonijiet li jistgħu jkollhom l-effett li jipprekludu lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni milli jiffunzjonaw konformement mal-qafas konstituzzjonali tagħha.

F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li ċ-CETA ma jagħti lit-Tribunali previsti ebda ġurisdizzjoni għall-interpretazzjoni jew għall-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni flief dik li tirrigwarda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-ftehim. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja b'mod partikolari tenfasizza li l-ftehim jagħti lill-Unjoni s-setgħa li tiddetermina, meta investitur Kanadiż ikun jixtieq jikkontesta miżuri adottati minn Stat Membru u/jew mill-Unjoni, jekk il-kwistjoni għandhiex, fid-dawl tar-regoli ta' tqassim tal-ġurisdizzjoni bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, titressaq kontra dan l-Istat Membru jew kontra l-Unjoni. B'hekk, il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja biex tiddeċiedi dwar it-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha tiġi ppreservata.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li l-ġurisdizzjoni tat-Tribunal u tat-Tribunal tal-Appell taċ-CETA tkun qed tippreġudika lill-awtonomija tas-sistema legali tal-Unjoni kieku din il-ġurisdizzjoni kienet imfassla b'mod li dawn it-Tribunali jkunu jistgħu, fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet tagħhom dwar ir-restrizzjonijiet għal-libertà ta' intrapriża li jkunu inkwistjoni f'ilment, ipoġġu indiskussjoni l-livell ta' protezzjoni ta' interess pubbliku li kien jeżisti mal-introduzzjoni ta' tali restrizzjonijiet mill-Unjoni fir-rigward tal-operaturi kollha li jinvestu fis-settur kummerċjali jew industrijali inkwistjoni tas-suq intern. Għaldaqstant, iċ-CETA fih klawżoli li jċaħħdu lit-Tribunali msemmija minn kull ġurisdizzjoni biex ipoġġu indiskussjoni l-għażliet magħmula demokratikament fi ħdan Parti mill-ftehim, b'mod partikolari fir-rigward tal-livell ta' protezzjoni tal-ordni pubbliku, tas-sigurtà pubblika, tal-moralità pubblika, tas-saħħa u tal-ħajja tal-persuni u tal-annimali ta' preservazzjoni tas-sikurezza tal-ikel, tal-pjanti, tal-ambjent, tal-benesseri fuq ix-xogħol, tas-sigurtà tal-prodotti, tal-konsumaturi jew tad-drittijiet fundamentali. Konsegwentement, dan il-ftehim ma jiksirx l-awtonomija tas-sistema legali tal-Unjoni.

Fir-rigward tal-kompatibbiltà tal-mekkaniżmu previst mal-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza fit-trattament, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li, għalkemm iċ-CETA għandu l-għan li jagħti lill-investituri Kanadiżi li jinvestu fl-Unjoni rimedju speċifiku kontra miżuri tal-Unjoni, madankollu s-sitwazzjoni tagħhom ma hijiex paragonabbli ma' dik tal-investituri tal-Istati Membri li jinvestu fl-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi wkoll li ċ-CETA ma jippreġudikax l-effettività tad-dritt tal-Unjoni għas-sempliċi raġuni li sentenza adottata mit-tribunal stabbilit minn dan il-ftehim jista' jkollha l-effett, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, li tinnewtralizza multa għal ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni imposta mill-Kummissjoni jew minn awtorità tal-kompetizzjoni ta' Stat Membru. Fil-fatt, id-dritt tal-Unjoni stess jippermetti l-annullament tal-multa meta din tkun invizzjata minn difett li jikkorrispondi għal dak li jista' jikkonstata t-Tribunal taċ-CETA.

F'dak li jirrigwarda l-kompatibbiltà tal-mekkaniżmu ta' riżoluzzjoni tat-tilwim mad-dritt ta' aċċess għal qorti indipendenti, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-ftehim għandu l-għan li jagħmel it-Tribunal taċ-CETA aċċessibbli għal kull impriża u għal kull persuna fiżika Kanadiża li tinvesti fl-Unjoni kif ukoll għal kull impriża u għal kull persuna fiżika ta' Stat Membru tal-Unjoni li tinvesti fil-Kanada. Madankollu, fin-nuqqas ta' sistema intiża li tiżgura l-aċċessibbiltà finanzjarja għat-Tribunal u għat-Tribunal tal-Appell lill-persuni fiżiċi u lill-impriżi ta' daqs żgħir u medju, il-mekkaniżmu jirriskja, fil-prattika, li jkun aċċessibbli biss għall-investituri li jkollhom riżorsi finanzjarji kbar. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-impenji adottati mill-Kummissjoni u mill-Kunsill, biex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tat-Tribunali previsti għall-impriżi ta' daqs żgħir u medju huma biżżejjed, fil-kuntest ta' din il-proċedura għal opinjoni, biex jiġi konkluż li ċ-CETA huwa kompatibbli mar-rekwiżit ta' aċċessibbiltà. Fil-fatt, dawn l-impenji jikkundizzjonaw l-approvazzjoni ta' dan il-ftehim mill-Unjoni.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li l-Ftehim CETA jinkludi fih garanziji suffiċjenti biex jiżgura l-indipendenza tal-membri tat-Tribunali previsti.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

[It-test sħiħ](#) tal-opinjoni jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

www.curia.europa.eu

Ritratti tal-għoti tal-opinjoni huma disponibbli fuq [“Europe by Satellite”](#) (+32) 2 2964106.